TISLIMA ORKESTRALI

FESTA KRISTU RE – RAĦAL ĠDID

30 LULJU 2017 mid-9.15 – 10.00 pm

Direzzjoni: Mro. Manoel Pirotta
DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL

Jieħdu sehem ukoll
Christine Dalli (mezzo sopran) u Ivan Vella (Baritonu)

**MILLENIUM SONG**
Kees Vlak (b. 1938)
ORKESTRA

Vlak kiteb din l-għanja fuq il-għatba tal-millenju l-ġdid fejn l-avvanzi fit-teknoloġija u l-użu sfrenat tal-midja soċjali jispikkaw. Madankollu, il-kompożitur jistaqsi jekk f'dan il-villaġġ globali għadx hemm post u ħin fejn il-bnedmin tad-dinja jibqgħu ġentili lejn għajrhom u ħelwin ma' xulxin.

**LÀ CI DAREM LA MANO**
Wolfgang Amadeus Mozart (1756-91) (Arr.: M. Pirotta)
CHRISTINE DALLI (Mezzo Sopran) u IVAN VELLA (Baritonu)

Dan huwa dwett ħelu għall-karattri ta' Don Giovanni (baritonu) u Zerlina (sopran) fl-opra *Don Giovanni* ta' Mozart. L-opra fi stil Klassiku nkitbet fl-1787 fuq librett ta' Lorenzo da Ponte.

**CANON IN D**
Johann Pachelbel (1653-1706) (Arr.: D. A. Roccuzzo/ M. Pirotta)

Pachelbel kien organisita ta' fama mondjali li kiteb ħafna mużika sagra. Xogħlijietu influenzaw bis-sħiħ lil Bach. Dan ix-xogħol in Re Maġġuri huwa magħmul minn sett t'akkordji li jirrepetu rwieħhom diversi drabi u li fuqhom jintisġu xi varjazzjonijiet.

**SOMEWHERE OVER THE RAINBOW**
Harold Arley (Arr.: Frank Comstock/ M. Pirotta)
CHRISTINE DALLI (Mezzo Sopran)

Arley huwa kompożitur Amerikan Lhudi ta' 'l fuq minn 400 kanzunetta u għaldaqstant huwa meqjus minn hafna bħala wieħed mill-kontributuri ewlenin tal-kotba tal-kanzunetti l-kbar Amerikani. *Over the Rainbow* tal-1938 kienet poġġietu fil-quċċata tal-klassifika tar-*Recording Industry Association of America*.

**SANCTUARY OF THE HEART** (Religious Meditation)
Albert W. Ketèlbey (1875-1959)
ORKESTRA
IVAN VELLA (Baritonu)

Fi kliem il-kompożitur stess: ix-xogħol jiddeskrivi stampa ta' wieħed qed jiġġerra waħdu f'art barranija. Darba minnhom jinzerta jerġa' jisma' dik l-għanja reliġjuża ta' tfulitu, u l-ħsieb tagħha iġġiblu memorji sbieħ li jkunulu ta' faraġ u wens.

**PEARL OF THE CITY**
Harm Evers (tw. 1925)

Kull pajjiż f'Malta u Għawdex għandu l-attrazzjoni u l-karatteristika tiegħu. Harm Evers kiteb dal-marċ biex permezz tiegħu jiddeskrivi dik il-ġawhra, jew aħjar, il-perla li nsibu f'kull belt jew raħal. Ta' min jgħid ukoll li, dan il-kompożitur Olandiż kiteb 'il fuq minn 200 biċċa xogħol mużikali.



Tislima Orkestrali – Festa Kristu Re 2016
Aldo Busuttil (Tenur) – Mro. Manoel Pirotta – Danielle Ciantar (Sopran)

**MY HEART AT THY SWEET VOICE**
Camille Saint-Saëns (1835-1921) (Arr.: R. E. Hildreth/M. Pirotta)
CHRISTINE DALLI (Mezzo Sopran)

Din l-arja klassika tant popolari hi meħuda mill-opra *Samson and Delilah* tal-kompożitur Romantiku Franċiż Camille Saint-Saëns. Titkanta fit-tieni att fejn hi tipprova tisseduċi lil Sansun biex jikxef is-sigriet ta' minfejn hi ġejja s-saħħa kollha tiegħu.

**IN PROCESSIONE (Marcia Religiosa)**
Giuseppe Lotario (tw. 1948)
ORKESTRA

Dan il-marċ proċessjonali, miktub fl-2002, huwa wieħed mill-ħafna xogħlijiet li ħarġu mill-pinna ta' Giuseppe Lotario. Minbarra li huwa kompożitur, Lotario jaf idoqq tajjeb ħafna il-klarinett. Huwa wkoll għalliem tal-mużika fl-iskejjel statali u jidderieġi xi baned.

**LARGO**
George F. Handel (1685 – 1759)
IVAN VELLA (Bartionu)

Il-*Largo* ta' Haendel hu meħud mill-opra Xerxes fuq librett ta' Minato. Il-ġrajja ddur madwar sultan Persjan. Fatt stramb huwa li din l-arja ngħatalha *Largo* bħala titlu meta Haendel niżżel *Larghetto* f'ras il-partitura. Ittellgħet għall-ewwel darba f'Londra fl-1738.

**THE LORD'S PRAYER**
Albert Hay Malotte (Arr.: M. Pirotta)
CHRISTINE DALLI (Mezzo Sopran)

Din il-kanzunetti tal-1935 hija t-talba tal-Missierna mmużikata minn Albert Hay Malotte, kompożitur u edukatur Amerikan li kien jaf idoqq l-orgni u l-pjanu. Hija t-talba tant sabiħa li għallimna Ġesù stess kif għandna nitolbu.

**HALLELUJAH CHORUS from THE MESSIAH (HWV 56)**
Georg Friedrich Händel
ORKESTRA

Silta tant magħrufa minn *The Messiah* li biha tagħlaq it-tieni parti tal-Oratorju. Handel kiteb din il-biċċa mużika għall-kor bid-dmugħ f'għajnejn għax kien ħaseb li qed jara s-Sema quddiem għajnejh, u l-kbir Alla nnifsu bilqiegħda fuq it-tron tiegħu mdawwar bil-qtajja' tal-anġli.

**INNU KRISTU RE**
Vincenzo Ciappara
CHRISTINE DALLI (Mezzo Sopran)